MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1316/2002/1

**Antoine Vassallo f'ismu proprio u esercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer.**

**Vs**

**Avukat Dr. Richard Sladden nominat B'digriet tal-25 ta' Gunju 2002 kuratur Deptutat sabiex jirraprezenta lill-assenti Anguel Nicholaev Tatchev u Mary Spiteri Tatchev.**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' disgha mija u hmistax-il lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm915.36), import ta' tmien kambjali accettai u ffirmati li mmaturaw.

Ra li l-konvenuti gew debitament notifikati u li:

1. Il-konvenut Mary Spiteri Tatchev ma kkontestax il-kawza u dehret biss fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2002 meta ddikjarat (tramite l-avukat difensur taghha Dr. Edward Gatt) li kienu saru pagamenti. Prova ta’ dan ma ressqitx.

2. Il-kuratur deputat li gie nominat sabiex jirraprezenta lill-assenti Anguel Tatchev, iddikjara li m’huwiex edott mill-fatti u ma ghandu mezz sabiex jikkomunika ma’ l-assenti Anguel Tatchev (ara risposta a fol. 18 u wkoll Dok. RS1).

Semgha lill-avukat Dr. John Buttigieg jixhed bil-gurament.

Ra l-kambjali ezebiti fis-seduta tal-lum, u n-nota li permezz taghha l-attur irriduca t-talba tieghu u zammha ferm fl-ammont ta’ tmien mitt lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm800.82).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tmien mitt lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm800.82), bl-imghax kummercjali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**